MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 334/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Awissu 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-attriċi żżewġet lil konvenut B f'ċerimonja ċivili fir-Reġistru Ċivili ġewwa ___ *omissis* ___, fl-14 ta' Frar 1996, liema żwieġ ġie reġistrat ukoll f'Malta (Dok. A).

2. a. Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u tal-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

b. Illi *inoltre* l-kunsens tal-kontendenti għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha.

c. Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens tagħhom għal dan iż-żwieġ.

3. Illi d-deċiżjoni tal-kontendenti li jiżżewġu kienet waħda spontanea, waqt li kienu qiegħdin fuq btala, mingħajr ebda tħejjija ta' ebda xorta dwar il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

4. Illi apparti hekk il-kontendenti kellhom pressjoni qawwija biex jiżżewġu, billi l-konvenut, li dak iż-żmien kien ta' nazzjonalita' estera, ma setgħax jibqa' aktar Malta sakemm ma jiżżewwiġx Malta. Dan iż-żwieġ sar ukoll f'ċirkostanzi fejn il-familja u saħansitra anke l-ħbieb tal-attriċi ma kienux favur tiegħu. Madanakollu, il-kontendenti kienu sabuha faċli li jiżżewġu fil-pajjiż fejn kienu għall-btala u għalhekk ħasbu illi setgħu jsolvu l-problemi kollha li kellhom Malta billi jiżżewġu minnufiħ waqt din il-btala.

5. Illi hekk kif irritornaw Malta, is-sitwazzjoni tbiddlet għal kollox. Il-konvenut ried li jiddistakka lill-attriċi minn mal-familja tagħha u ħbiebha, billi huwa ma kienx iħossu aċċettat minnhom. Effettivament il-konvenut baqa' żmien twil ma jkellem lill-familjari tal-attriċi. Sadanittant, il-kontendenti kienu jgħixu ħajja fattwalment separati minn xulxin, it-tnejn jaħdmu u jiltaqgħu biss fil-għaxija.

6. Illi l-konvenut ma riedx illi jkollu tfal, billi kien isostni illi ma kienx ippreparat għal din ir-responsabbilta'.

7. Illi wara xi ftit żmien, l-attriċi bdiet tirrejalizza illi hija ma kienetx tħobb lill-konvenut, tant illi wara ftit snin fiż-żwieġ tagħhom, il-kontendenti nfirdu fattwalment minn xulxin. Ftit xhur wara, huma reġgħu ingħaqdu flimkien bit-tama li jsalvaw iż-żwieġ, u anke kellhom tarbija, C, li twieled fil-15 ta' Marzu 2003. Madanakollu, dan kien kollu għalxejn, billi l-kontendenti reġgħu nfirdu immedjatament

wara t-twelid tat-tarbija, u spiċċaw sabiex isseparaw legalment minn xulxin.

8. Illi għalhekk iż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fl-14 ta' Frar 1996 huwa null u bla effett fil-liġi.

Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Qorti għar-raġunijiet fuq premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fl-14 ta' Frar 1996 huwa null u bla ebda effett legali, u tagħti dawk il-provvedimenti kollha l-oħra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fis-7 ta' Frar 2008, li permezz tagħha espona:

1. Illi huwa ma jopponix għat-talbiet tar-rikorrenti *purche'*; illi ma jkunx dikjarat illi ż-żwieġ *de quo* huwa null u bla effett għal xi tort imputabbli lill-esponent, partikolarment dak kontenut fis-sitt (6) paragrafu tar-rikors ġuramentat.

2. Illi huwa ma għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti proċeduri.

3. Salv risposta ulterjuri;

4. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u tax-xhieda prodotti minnhom;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2009 illi permezz tiegħu il-kawza tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ ċivili kontrattat bejn il-partijiet fil-1996 f'___ *omissis* ___ u li ġie reġistrat f'Malta eventwalment, a bażi tal-Artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut mhux jikkontesta t-talba iżda qed jgħid illi l-annullament għandu jingħata għal raġunijiet imputabbli lilll-attriċi.

Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kappriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** (27 ta' Jannar, 2006):

*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u ċioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

Fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995). Madankollu hemm ukoll indikazzjoni li kif ġia ingħad, il-partijiet baqgħu għaddejjin tul l-egħrusija mingħajr ma intebħu li ż-żwieġ ma seta' qatt jirnexxi bejniethom.

Fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."*

L-attriċi fl-affidavit tagħha qalet li għalkemm hija u l-konvenut iltaqgħu ċirka sena u nofs qabel iżżewġu, l-iskop

tal-konvenut li jiżżewweġ kien prinċipalment li huwa ma setax jigħix f'Malta minħabba raġunijiet ta' *visa* u permessi relattivi. Qalet li meta iżżewġet kienet tħoss li kienet tħobbu iżda wara ż-żwieġ huma qatt ma kienu kuntenti, u tgħid li l-konvenut mhux xi raġel ħażin. Biss huwa qatt ma seta' jissetilja Malta, u qatt m'attenda attivitajiet familjari bħal festi u *parties* oħra li normalment isiru bejn il-familji. Għalkemm kien jaħdem ma' missierha, huwa qatt ma kien ikellmu. Meta iżżewġu huwa kien jinsisti li ma jkollhomx tfal, u minkejja li kellhom wild fl-2003 f'tentattiv biex isalvaw iż-żwieġ, dan kien inutili għaliex fil-fatt xorta sseparaw ftit xhur wara. Ix-xhieda ta' *omissis* tista' tgħid li jikkonfermaw dak li qalet l-attriċi. Il-ġenituri tal-attriċi qalu li l-konvenut qatt ma ried ikollu kuntatt tajjeb magħhom u għalkemm huma ppruvaw jinvolvuh fil-familja dan dejjem baqa' distakkat minnhom.

Il-konvenut da parti tiegħu jwaħħal il-falliment taż-żwieġ f'dak li jsejjaħ indħil minn membri tal-familja tagħha. Jammetti li għaġġlu biex jiżżewġu minħabba li l-*visa* tiegħu biex jgħix f'Malta kienet se tiskadi. Jidher ċar għall-Qorti li l-konvenut ma jistax jifhem in-ness qawwi familjari li jeżisti f'Malta. Wiehed ukoll jissimpatizza miegħu li sab ruħu waħdu f'pajjiz estran jipprova jkompli jgħix ħajtu f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti tħoss li kollox ma' kollox ġie pruvat li ż-żwieġ sar prinċipalment biex il-konvenut ma jirriskontrax problemi biex jibqa' jgħix Malta. Għalhekk jeżistu r-rekwisiti taħt is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi biex iż-żwieġ jiġi dikjarat null.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partjiet fil-14 ta' Frar 1996; l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------